MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 875/2002

**Sebastian Bonnici.**

**-vs-**

**B&B Cabins Limited u Gasan Mamo Insurance Agency Limited (gja' Gasan Insurance Agency Ltd) bhala agenti tas-socjeta' estera CGU Insurance p.l.c. succenur tad-drittijiet tas-socjeta estera General Accident Fire and Life Assurance Corporation p.l.c.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-12 ta' April, 2002 li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi fis-17 ta' April 1998, waqt li kien fuq xogholu fil-kors ta' l-impjieg tieghu mas-socjeta' konvenuta B&B Cabins Limited, fl-impjant adoperat mmnha gewwa M2D, Industrial Estate, Santa Venera, 1-attur kien involut f'incident fuq makna illi biha kien qieghed jaqta' l-injam;

Illi bhala konsegwenza ta' dan l-incident, l-attur soffra griehi gravi, illi rrizultaw f'dizabilita' permanenti, skond kif iccertifika Dottor Carmel J. Sciberras, li kopja tac-certifikat tieghu hija hawn annessa u esebita u mmarkata bhala **Dok. A;**

Illi jirrizulta illi l-makna in kwistjoni, li nxtrat mill-esteru fl-istat illi kienet tinstab fih meta sehh 1-mcident *de quo,* effettivament kienet ineffikaci fil-protezzjoni tas-sahha u s-sigurta' ta' 1-impjegat;

Illi ghalhekk l-incident in kwistjoni gara unikament minhabba imperizja, negligenza, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tas-sigurta' fuq il-post tax-xoghol da parti tas-socjeta' konvenuta B&B Cabins Limited;

Illi ghalhekk, is-socjeta' konvenuta B&B Cabins Limited hija responsabbli ghall-incident *de quo* u ghad-danni konsegwenzjali kollha sofferti mill-attur, bhal ma del *resto* minnha debitament ammess;

Illi s-socjeta' konvenuta B&B Cabins Limited, fiz-zmien ta l-incident *de quo*, kienet koperta b'polza ta' assikurazzjoni ghal *Employers' Liability* li ggib in-numru XLE/872162/JAZZ/02, u li kopja taghha hi hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. B, mahruga mis-socjeta' konvenuta GasanMamo Insurance Agency Limited (ga' Gasan Insurance Agency Limited) bhala agenti tas-socjeta' estera General Accident Fire and Life Assurance Corporation p.l.c., li llum giet amalgamata f'socjeta' maghrufa bl-isem CGU Insurance p.l.c.;

Illi l-incident *do quo* kien ampjament kopert mit-termini tal-polza ta' assikurazzjoni relattiva mahruga mis-socjeta' konvenuta GasanMamo Insurance Agency Limited noe;

Illi 1-attur ghandu d-dritt ta' azzjoni ghall-hlas tad-danni minnu sofferti fil-konfront tas-socjeta' konvenuta GasanMamo Insurance Agency Limited noe, in virtu' ta' l-azzjoni prosegwibbli kontra *d-debitor debitoris mei* abbazi tal-polza relattiva;

Illi s-socjeta' konvenuta B&B Cabins Limited ammettiet ir-responsabilita' taghha ghall-akkadut ripetutament izda dejjem irrifjutat illi teffettwa 1-pagament tad-danni sofferti abbazi tal-pretensjoni taghha illi tali hlas kellu jigi effettwat mis-socjeta' konvenuta l-ohra GasanMamo Insurance Agency Limited noe, abbazi tal-polza ta' l-assikurazzjoni relattiva;

Illi minkejja illi 1-istess socjeta' konvenuta GasanMamo Insurance Agency Limited noe giet diversi drabi interpellata sabiex tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-attur bhala rizultat ta' 1-imsemmi incident, hija baqghet effettivament inadempjenti u accettat illi thallas biss 1-ammont ta' paga mitluf mill-attur fiz-zmien illi huwa dam ma jistax jattendi ghad-dmirijiet tieghu;

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi s-socjeta' konvenuta B&B Cabins Limited hija unikament responsabbli ghall-incident li sehh fis-17 ta' April 1998, fl-impjant minnha adoperat gewwa M2D, Industrial Estate, Santa Venera, li fih safa mwegga' 1-attur, kif fuq premess, kif *del resto* minnha ammess;

2. Tillikwida, okkorend bl-opera ta' periti nominandi, id-danni kosegwenzjali kollha sofferti mill-attur, senjatament dawk relatati mad-dizabilita' permanenti lilu rekata fl-istess incident;

3. Tiddikjara illi s-socjeta' konvenuta GasanMamo Insurance Agency Limited (ga' Gasan Insurance Agency Limited) bhala agenti tas-socjeta' estera General Accident Fire and Life Assurance Corporation p.l.c., li llum giet amalgamata f'socjeta' maghrufa bl-isem CGU Insurance p.l.c. hija responsabbli ghall-hlas tad-danni hekk likwidati abbazi tal-polza ghal *Employer's Liability* li ggib in-numru XLE/872162/JAZZ/02, kif fuq premess;

4. Tikkundanna lis-socjetajiet konvenuti solidalment bejniethom sabiex ihallsu lill-attur is-somma rapprezentanti d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittri ufficjali datati 27 ta' Jannar Awwissu 2000, kontra s-socjetajiet konvenuti ii jibqghu minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ipprezentata fit-30 ta' Ottubru, 2002 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepixxiet:

1. Preliminarjament l-azzjoni fil-konfront tal-eccipjent hija intempestiva stante illi l-eccipjenti m'hux debitur tas-socjeta B & B Cabins Limited u ghalhekk l-eccipjent ghandu jigi liberat mill-osservanza.

2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal-premess u in linea sussidjarja l-attur m'ghandux relazzjoni guridika u konsegwenti dritt ta azzjoni kontra l-eccipjent u ghalhekk wkoll l-eccipjent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

3. Fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghal-premess u in linea sussidjarja l-azzjoni fil-konfront tal-eccipjenti u kif wkoll fil-konfront ta B & B Cabins Limited tinsab preskritta ghat-tenur tal-Art 2153 tal-Kodici Civili u

inoltre, f’kaz illi kien hemm xi ammissjoni mis-socjeta konvenuta l-ohra dan jikkostitwixxi ksur tal-kondizzjoni numru 6 tal-polza tal-assigurazzjoni. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti.

4. Fir-raba l-lok u minghajr pregudizzju ghal-premess u in linea sussidjarja s-socjeta B & B Cabins Limited m’hiex responsabbli ghal-incident de quo u ghalhekk t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti.

5. Fil-hames lok u minghajr pregudizzju ghal-premess u in linea sussidjarja, f’kaz illi s-socjeta B & B Cabins Limited tigi mizmuma responsabbli ghal-incident de quo u f’kaz illi l-eccipjenti jigi ritenut li ghandu jaghmel tajjeb, hemm “*confusio*” stante illi l-eccipjenti, li jigi hekk surrogat fid-drittijiet tal-assigurat tieghu, ghandu dritt ta’ rivalsa kontra l-istess attur bhala dirigent tas-socjeta konvenuta B & B Cabins Limited u inoltre is-sinistru sehh minhabba t-turpitudini tal-attur u m’ghandux jedd jaghmel azzjoni fuq it-turpitudni tieghu innifsu.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ konvenuta mahlufa minn Leslie Causon, I.D. 226262(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta’ Gunju, 2005 li permezz taghha l-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-ewwel tlett eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta Gasan Mamo Insurance Agency Limited.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob danni li sofra wara ncident li sehh fuq il-post tax-xoghol tieghu mas-socjeta’ konvenuta.

Ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni li l-attur kien impjegat mas-socjeta’ konvenuta meta gara l-incident li fih wegga. L-incident gara meta l-attur kien qed jahdem fil-fond imsemmi fic-citazzjoni fit-18 ta’ April, 1998.

Dan il-kaz pero' huwa differenti minn dawk tas-soltu ghaliex l-attur huwa ukoll wiehed miz-zewg diretturi tas-socjeta' B&B Cabins Limited li maghha kien ukoll impjegat. Allura qed iharrek lis-socjeta' imsemmija u anke lis-socjeta' assikuratrici. Din barra li qed teccepixxi illi ma ghandha ebda relazzjoni guridika mieghu qed teccepixxi l-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2153. Dan l-artikolu jghid li azzjonijiet ghad-danni mhux kagunati b'reat huma preskritti wara sentejn. L-istess socjeta' qed teccepixxi ukoll illi jekk is-socjeta' l-ohra konvenuta ammettiet ir-responsabilita' ghall-incident dan jikkostitwixxi ksur tal-polza u kwindi huma ma ghandhomx iwiegbu ghat-talba ghad-danni. Is-socjeta' B&B Cabins baqghet kontumaci.

L-artikolu 6 tal-polza infatti jghid;

*No admission, offer, promise or payment shall be made for or on behalf of the insured without the written consent of the company which shall be entitled if it so desires to take over and conduct in his name the defence or settlement of any claim or to prosecute in his name for its own benefit any claim for indemnity for damages or otherwise and shall have full discretion the conduct of any proceedings and in the settlement of any claim and the insured shall give all such information and assistance as the company may require.*

Li gara f'dan il-kaz kien li meta l-attur kiteb lis-socjeta' B&B Cabins biex jinterpellahom jersqu ghall-hlas, l-istess socjeta', permezz ta' Michael Bonnici, direttur tal-istess socjeta' u hu l-attur, accettat ir-responsabilita' u fl-itess ittra nkiteb *ahna nifhmu illi ma hemmx htiega da parti ta' Sebastian Bonnici li jipprezenta ebda ittra ohra bil-Qorti biex izomm id-dritt tieghu illi jiehu azzjoni kontra l-kumpanija, imma mitlub tirreferi ghal Gasan Insurance li maghhom ghandna l-insurance ghal kazijiet bhal dawn..*

Huwa car ghalhekk illi s-socjeta' GasanMamo ghandha kull dritt

teccepixxi l-preskrizzjoni *nonostante* l-ammissjoni tas-socjeta' B&B Cabins Limited stante li kif sew argumentat is-socjeta' GasanMamo, din l-ammissjoni kienet bi ksur lampanti tal-Artikolu 6 tal-Polza in kwistjoni u hija allura ntitolata skond l-istess artikolu li tassumi d-difiza tas-socjeta' B&B Cabins u taghmel kull eccezzjoni li din is-socjeta' setghet taghmel minghajr din l-ammissjoni.

Ma jidhirx lanqas skond il-provi illi tressqu illi f'xi hin is-socjeta' assikuratrici giet informata b'din il-korrispondenza u lanqas ma gew prodotti kopji tal-ittri ufficjali li huma msemmija fic-citazzjoni. Ghalhekk billi l-incident gara fl-1998 u l-kawza bdiet fis-sena 2002, it-talba attrici hija ampjament preskritta. Minhabba f'dan il-Qorti m'hijiex ser tindaga dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet billi tali esercizzju jkun purament akkademiku.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-tielet eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta GasanMamo Insurance Agency Limited u tichad it-talbiet attrici stante li huma preskritti a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**L-ispejjes jithallsu mill-attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------